



C/2024/1072

5.2.2024

**Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tielet Awla) tal-14 ta' Diċembru 2023 (talba għal deċiżjoni preliminari tal-Landgericht Ravensburg – il-Ġermanja) – VX, AT vs Gemeinde Ummendorf**

(Kawża C-456/22 (¹), Gemeinde Ummendorf)

*(Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Protezzjoni tad-data personali – Regolament (UE) 2016/679 – Artikolu 82 – Dritt għal kumpens u responsabbiltà – Kunċett ta' “dannu morali” – Pubblikazzjoni online tal-agħenda tal-laqgħa ta' kunsill muniċipali li tinkludi data personali – Pubblikazzjoni mingħajr il-kunsens tas-suġġetti tad-data – Talba ta' dawn is-suġġetti intiżza għall-kumpens tad-dannu morali)*

(C/2024/1072)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

**Qorti tar-rinvju**

Landgericht Ravensburg

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

Rikorrenti: VX, AT

Konvenut: Gemeinde Ummendorf

**Dispożittiv**

L-Artikolu 82(1) tar-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE (Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data),

għandu jiġi interpretat fis-sens li:

jipprekludi leġiżlazzjoni nazzjonali jew prassi nazzjonali li jistabbilixxu “livell de minimis” sabiex jiġi kkaratterizzat dannu morali kkawżat minn ksur ta' dan ir-regolament. Is-suġġett tad-data huwa obbligat juri li l-konsegwenzi ta' dan il-ksur li huwa jallega li ġarrab jikkostitwixxu dannu li huwa differenti mis-sempliċi ksur tad-dispożizzjonijiet tal-imsemmi regolament.

¹ ĠU C 359, 19.9.2022.